**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Cini ta' 43 sena bin Michael u Rita nee Camilleri li joqghod 'Arcadia' Triq Sir Paul Boffa, Victoria, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 2008425(P)**

Illum 21 ta' Dicembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-6 ta' Novembru 2000 ghall-habta tal-11.30a.m. fi Triq il-31 ta' Marzu kantuniera ma' Triq Sir Paul Boffa, Victoria, u ghalhekk f'post pubbliku jew li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas waqqa jew iddepozita jew talli halla makni ta' vetturi fi triq f'tali cirkustanzi li setghu kkawzaw jew igieghlu li jithassar post fil-miftuh.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikolu 3 u 9 ta' l-Att 206.

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

Tordnalu jnehhi l-inkonvenjent fi zmien hmistax-il jum mil-lum fuq penali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) multa kull jum fin-nuqqas.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur